REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 415/2008

tat-8 ta' Mejju 2008

dwar id-diviżjoni bejn "konsenji" u "bejgħ dirett" ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali stabbiliti għall-2007/2008 fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 jipprovdi li l-produtturi jista' jkollhom kwantità ta' referenza individwali waħda jew tnejn, waħda għall-konsenji u l-oħra għall-bejgħ dirett u dawn il-kwantitajiet jistgħu jinbidlu minn kwantità ta' referenza waħda għall-oħra mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru biss, skond it-talba ġustifikata tal-produttur.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2007 ta' l-1 ta' Ġunju 2007 dwar id-diviżjoni bejn "twassil"(konsenji) u "bejgħ dirett" ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali stabbiliti għall-2006/2007 fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 [2] jistipula d-diviżjoni bejn "konsenji" u "bejgħ dirett" għall-perjodu mill-1 ta' April 2006 sal-31 ta' Marzu 2007 għall-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1186/2007 ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib fir-rigward tad-diviżjoni bejn bejgħ dirett u konsenji għar-Rumanija u l-Bulgarija [3] ffissa d-diviżjoni bejn bejgħ dirett u konsenji għal dawk l-Istati Membri fil-bidu ta 'l-iskema tal-kwota fl-1 ta' April 2007.

(4) Bi qbil ma' l-Artikolu 25(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jistipula regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [4], il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit taw notifikazzjoni dwar il-kwantitajiet li fuq talba mill-produtturi ġew mibdulin definittivament bejn kwantitajiet ta' referenza individwali għall-konsenji u għall-bejgħ dirett.

(5) Bi qbil ma' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 il-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali totali għall-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit għall-2007/2008 huma akbar mill-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali totali tagħhom għall-2006/2007, u dawn l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-diviżjoni bejn "konsenji" u "bejgħ dirett" tal-kwantitajiet ta' referenza addizzjonali.

(6) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita d-diviżjoni bejn "konsenji" u "bejgħ dirett" tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

(7) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1186/2007 (ĠU L 265, 11.10.2007, p. 22).
[2] ĠU L 141, 2.6.2007, p. 28.
[3] ĠU L 265, 11.10.2007, p. 22.
[4] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 228/2008 (ĠU L 70, 14.3.2008, p. 7).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-diviżjoni bejn "konsenji" u "bejgħ dirett" ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 tintsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

(tunnellati)

L-Istati Membri	Konsenji	Bejgħ dirett
Il-Belġju	3 283 279,969	60 255,031
Il-Bulgarija	893 688,028	85 311,972
Ir-Repubblika Ċeka	2 735 402,882	2 528,118
Id-Danimarka	4 499 580,144	319,856
Il-Ġermanja	28 049 011,176	93 454,385
L-Estonja	636 070,323	10 297,677
L-Irlanda	5 393 711,092	2 052,908
Il-Greċja	819 371,000	1 142,000
Spanja	6 050 995,383	65 954,617
Franza	24 132 388,327	345 767,673
L-Italja	10 271 286,160	258 773,840
Ċipru	142 848,981	2 351,019
Il-Latvja	717 342,228	11 305,772
Il-Litwanja	1 631 990,068	72 848,932
Il-Lussemburgu	271 274,000	465,000
L-Ungerija	1 881 124,791	108 935,209
Malta	48 698,000	0,000
L-Olanda	11 112 857,000	72 583,000
L-Awstrija	2 679 104,617	98 788,992
Il-Polonja	9 211 606,546	168 536,454
Il-Portugall [1]	1 930 253,126	8 933,874
Ir-Rumanija	1 320 555,428	1 736 444,572
Is-Slovenja	555 673,766	20 964,234
Is-Slovakkja	1 029 752,282	11 035,718
Il-Finlandja	2 424 447,811	7 384,196
L-Iżvezja	3 332 630,000	3 400,000
Ir-Renju Unit	14 619 120,370	136 526,631

[1] Minbarra Madejra.